L-Assedju jkellimna – It-Tnejn 19 t'Ottubru 2015

Nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015, l-istudent tas-sitt sena (flimkien mal-għalliema u Lsas) morna ħarġa edukattiva ġewwa l-Belt Valletta. Matul din il-ħarġa morna l-palazz tal-president fejn rajna wirja dwar l-Assedju tal-1565. Wara morna fl-armerija u rajna l-armi li kienu jintużaw fi żmien il-kavallieri. Għall-ħabta tal-ħdax waqafna nieklu ftit u f'dan il-ħin rajna wkoll lil President ta' Malta dieħla fil-palazz. Wara li kilna l-għalliema li kienu magħna qasmuna f'żewġ gruppi u lbisna ta' kavallieri u Torok. Wara għamilna żifna qasira li jisimha 'Il-Parata'. Kienet ħarġa divertenti u edukattiva fl-istess ħin.









